

It-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu
Il-Ħadd 25 ta' Diċembru 2022

# Aħbar Tajba

Is 9, 1-6
Salm 95 (96), 1-2a.2b-3.11-12.13
Tit 2, 11-14
Lq 2, 1-14

"Tibżgħux għax araw, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir, ferħ li se jkun għall-poplu kollu. **Illum, fil-belt ta' David, twildilkom Salvatur, li hu l-Messija, il-Mulej."**

Qatt waqaftu taħsbu min kienu n-nies li ndunaw x'kien qed jiġri fil-lejl tal-ewwel Milied? Min jaf kemm kien hemm nies imqajma matul dak il-lejl u anqas indunaw x'kien qed jiġri ftit 'il bogħod minnhom?

Ma ninsewx li Betlehem kienet mimlija b'ħafna nies li ġew biex jinkitbu. Min jaf kemm kien hemm nies li bħal Marija u Ġużeppi kienu qed ifittxu post fejn joqogħdu, iħabbtu bieb wara l-ieħor? Min jaf kemm-il darba n-nies ta' Betlehem kellhom iqumu biex iwieġbu l-bieb biex jgħidulhom li post għalihom ma kellhomx. Min jaf kemm kien hemm nies għassa madwar il-belt minħabba l-għadd kbir ta' nies li żdiedu. Imma fost il-ħafna nies li kienu f'Betlehem jew fil-viċinanzi tal-belt, f'dan l-Evanġelju nara li l-uniċi nies li laqgħu l-istedina kienu grupp ta' rgħajja. Tgħiduli mhux bil-fors jekk l-anġli lilhom biss dehru?

X'ġara eżatt dak il-lejl ma nafux għax l-Evanġelista jagħżel li jkellimna fuq min laqa' l-istedina biss. Alla seta' bagħat messaġġi differenti lil nies oħra. Imma f'din is-silta kultant taħarbilna parti importanti ħafna. Barra l-anġli, li kienu l-messaġġiera tar-rgħajja tagħna, kien hemm messaġġiera oħra. Tafu min? Ir-rgħajja nfushom. Jekk tkomplu taqraw issibu, li wara li marru u raw b'għajnejhom dak li kienu ħabbrulhom l-anġli, ir-rgħajja ma marrux lura fuq xogħolhom qisu qatt ma kien xejn u lanqas marru jorqdu tafux. Le, dak li kienu raw kien tant kbir li ma setgħux iżommuh għalihom u allura hekk kif telqu minn ħdejn Marija u Ġużeppi, dlonk marru fil-qalba tal-belt bħala messaġġiera għan-nies ta' Betlehem. Jekk dawn laqgħux l-istedina ma jgħidilniex imma l-Evanġelista jrid jurina kemm hu sabiħ li naqsmu l-ferħ li jġib Alla f'ħajjitna mal-oħrajn.

L-Evanġelista jixtieq li bħar-rgħajja naċċettaw l-istedina ta' Alla u nħalluh jidħol f'ħajjitna. Imma mhux hekk biss. Irridu wkoll naqsmu dan il-ferħ ġdid li jġib Alla ma' dawk kollha li niltaqgħu magħhom. Għalhekk ejjew fil-bidu ta' din is-sena ġdida nagħmlu proponiment żgħir li nimxu fuq il-passi ta' dawn ir-rgħajja tal-Evanġelju u bħalhom insibu ħin li nħallu dak li nkunu qed nagħmlu biex immorru niltaqgħu ma' Alla. Hawn ħafna postijiet u għaqdiet li jistgħu jgħinuna. U x'ħin insibu post li jolqotna nibdew nippruvaw inħeġġu lil sħabna biex jagħmlu l-istess.





## Il-Ktieb tas-Salmi

Il-ktieb tas-Salmi li jinsab fit-Testment il-Qadim tal-Bibbja hu ġabra ta' kant ta' tifħir lil Alla li skont it-tradizzjoni popolari Lhudija l-maġġoranza tagħhom ġew miktubin mis-Sultan David u mit-tifel tiegħu Salamun. Il-poplu Lhudi kien jitgħallem dawn is-Salmi u kienu ta' sikwit jitkantaw jew waqt ċelebrazzjonijiet kif ukoll fid-djar mal-familja. Strumenti bħall-arpa, kitarri u tnabar kienu jintużaw biex jakkumpanjaw dawn is-salmi. Is-Salmi huma eżempju mill-eqdem ta' Mużika Sagra li bdiet tintuża għal skopijiet ta' qima u tifħir lil Alla.

Salm 33 isemmi l-mod kif kellhom jitkantaw u jindaqqu s-Salmi: "Għannu ġusti, bil-ferħ lill-Mulej; jixirqilhom ifaħħruh in-nies sewwa. Faħħru l-Mulej bid-daqq taċ-ċetra; għannulu fuq l-arpa b'għaxar kordi. Għannulu għanja ġdida; doqqulu bis-sengħa u b'leħen qawwi." Salm numru 150 jagħmel referenza għal strumenti li s-Salmista u dawk li jakkumpanjaw is-Salmi kienu jdoqqu: "Faħħruh bid-daqq tat-tromba, faħħruh bl-arpa u ċ-ċetra! Faħħruh bit-tanbur u biż-żfin, faħħruh bid-daqq tal-kordi u tas-sfafar! Faħħruh bid-daqq qawwi taċ-ċimbali, faħħruh bid-damdim taċ-ċimbali! Din hija stedina mis-Salmista biex infaħħru lil Alla b'kull xorta ta' strumenti mużikali.




Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.



**Dan l-Avvent ejja magħna fi vjaġġ wara kewkba speċjali li se tlaqqagħna ma' sultan ġdid.**

**Kuljum se timxi pass ieħor fl-istorja li bidlet id-dinja.**




STORJA TAL-MILIED | KALENDARJU TAL-AVVENT | KTIEB TAT-TPINĠIJA

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**GĦAŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**GĦAŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.